MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 288/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Silvio Muscat**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Silvio Muscat talli (**1**) fit-30 ta' Awissu, 2002 u/jew fix-xhur ta' qabel naqas li jaghti l-manteniment dovut lil martu Michelle Handley kif ukoll ghat-tfal minuri, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll (**2**) talli sar recidiv b'sentenza moghtija fid-19 ta' Awissu, 2002 mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan a tenur ta' l-Artikolu 49 u 53 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Silvio Muscat hati skond l-imputazzjonijiet

dedotti kontra tieghu u kkundanntu hmistax-il jum detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Silvio Muscat, minnu ppresentat fil-21 ta’ Novembru, 2002 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena[1];

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 28 ta’ Frar, 2002; ikkunsidrat:

Permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 5 ta’ Gunju, 2001 l-appellant kien intrabat li jhallas lil martu, bhala manteniment ghaz-zewg uliedu minuri, is-somma ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25) fil-gimgha, b’dan pero` li jekk ikun dizokkupat, din is-somma kellha tkun ta’ ghaxar liri (Lm10) fil-gimgha. Huwa kien intrabat ukoll li meta l-kbir fost iz-zewgt itfal (W) jaghlaq tmintax-il sena (u dan ghalaq tmintx-il sena fis-26 ta’ Ottubru, 2002), l-ammont ta’ hamsa w ghoxrin lira fil-gimgha jew ta’ tmintax-il lira fil-gimgha, skond il-kaz, kellu jibqa’ jithallas kollu bhala manteniment ghat-tifla (A). Inoltre l-appellant intrabat li jhallas is-somma ta’ hames liri (Lm5) fil-gimgha bhala manteniment ghal martu. Mill-provi jirrizulta li minnufih wara li gie pubblikat dan il-kuntratt, l-appellant beda jonqos li jhallas il-manteniment dovut skond l-istess kuntratt. Jigi precizat li kien biss fl-1 ta’ Mejju, 2002 li li sar reat li wiehed ma jhallasx il-manteniment skond kuntratt ta’ separazzjoni; qabel din id-data il-paragrafu (z) ta’ l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali kien jippenalizza biss lil min kien jonqos li jhallas tali manteniment meta jkun hemm ordni tal-qorti f’dan is-sens. Fid-19 ta’ Awissu, 2002 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet sabet lill-imsemmi Silvio Muscat hati li naqas li jhallas il-manteniment kif stipulat fil-kuntratt fil-11 ta’ Gunju, 2002 u fil-granet ta’ qabel, u f’dik l-okkazjoni dik il-qorti kienet ikkundannatu hamsa w ghoxrin lira ammenda. Jidher, pero`, li l-

[1] Ghalkemm it-talba fir-rikors hija ghar-“revoka” tas-sentenza b’mod li huwa jigi liberat “minn kull htija u piena”, l-aggravju migjub jirrigwarda biss il-piena. L-abbili difensur ta’ l-appellant, fl-udjenza tal-Gimgha, 28 ta’ Frar, 2003, fissret car li l-appell kien limitat ghall-piena biss.

appellant baqa’ jippersisti ma jhallasx il-manteniment, hlief li xi kultant ihallas xi haga zghira ‘l hawn u ‘l hinn, u dan minkejja li ghall-periodu inkriminat huwa kien regolarment impjegat. L-appellant jikkontendi li hu ma jistax ihallas l-ammont li intrabat li jhallas peress li jrid ihallas mitt lira kera tal-post fejn qed joqghod, u ghalhekk jekk ihallas l-ammont li huwa intrabat li jhallas bhala manteniment ma jkun jifdallu kwazi xejn mill-paga biex jghix.

L-appellant jikkontendi li dana n-nuqqas tieghu ma hux dovut ghal, u m’ghandux jigi interpretat bhala, xi forma ta’ sfida lejn il-qorti (presumibbilment is-Sekond Awla tal-Qorti Civili li ssanzjonat il-kuntratt ta’ separazzjoni), imma hu dovut ghall-fatt li verament m’ghandux mnejn ihallas. Din il-Qorti, pero`, difficilment tista’ temmen lill-appellant u dan peress li jirrizulta li minnufih wara li gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni huwa beda jkun regolarment moruz fil-pagament tal-manteniment. Jekk l-appellant, meta gie biex jaghmel il-kuntratt ta’ separazzjoni, ma ghamilx il-kalkoli tieghu sew, *imputet sibi.* Din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn, minnufih wara li jkun gie iffirmat kuntratt ta’ separazzjoni, parti jew ohra tipprova ggib fix-xejn l-istipulazzjoni dwar il-hlas tal-manteniment billi tallega l-impossibilita` tal-hlas. Kieku din il-Qorti kellha taccetta l-iskuza ta’ l-appellant – principalment dik li ghandu kera gholja tal-post fejn qed jghix – kull min ikun intrabat li jhallas manteniment jibda jikri l-post bl-aktar kera gholja li jista’ jsib biex ma jhallasx, jew ma jhallasx dak kollu, stipulat. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm lok ta’ varjazzjoni fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------